**Laqgha Numru 01/K7/2014**

**Introduzzjoni**

L-Ewwel Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2014 li saret nhar it-Tnejn 6 ta' Jannar 2014.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.45pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

L-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi kien skuzat. **(Ara. Dok. A)**

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

Ghall-partijiet mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-3 ta' Jannar 2014. L-Agenda kienet:

1. **Rizoluzzjoni speċjali 01/2014.**

## 01. Rizoluzzjoni speċjali 01/2014.

*1.01.* Is-Sindku Dean Hili pprezenta lill-Kunsill rezoluzzjoni specjali 01/2014 issekondata mill-Vici Sindku Raymond Lanzon u mill-Kunsillier Mark Causon **(Ara Dok. B)** li kienet tghid: *B'referenza ghad-decizjoni unanima mehuda fil-laqgha tal-Kunsill nhar it-Tlieta 17 ta' Dicembru 2013 referenza 15/K7/2013 specifikament items 11.04 sa items 11.07, rigward il-hrug ta' tender ghas-servizz t'assikurazzjoni riferenza Tender 12/2013, ghal liema tender gew sottomessi 3 offerti, il-Kunsill unanimament approva illi dawn l-offerti kollhom jigu rifjutata, zewg offerti abbazi tal-fatt illi ma kienux konformi ma' dak kollu rikjest mill-Kunsill fid-dokument tat-tender u l-offerta l-ohra, l-unika wahda konformi ma' l-istess rekwiziti giet irrifjutata minhabba li l-Kunsill hass li din l-offerta teccedi l-allokazzjoni tal-Kunsill ghall-istess skop.*

*Illi minhabba li l-Kunsill rcieva verbalment pariri legali konfligenti minn xulxin, u minhabba l-fatt li gie ntavolat appell nhar it-3 ta' Jannar 2014 ghan-nom tal-kumpanija* ***Island Brokers Ltd. (l-unika offerent konformi)****, kontra d-decizjoni tal-Kunsill, qieghed hawn taht nipproponi li: (1) Tigi approvata din ir-rezoluzzjoni specjali biex tithassar id-decizjoni mehuda fil-laqgha hawn fuq indikata, (2) Jitwaqqaf il-process gdid li kien inbeda biex jingabru offerti godda, u (3) Tigi riveduta d-decizjoni billi l-Kunsill japprova li tintghazel l-offerta tal-kumpanija* ***Island Insurance Brokers Ltd****. Dan ukoll sabiex jigu evitati delungar u spejjez inutli matul il-process kollu ta' l-aggudikar ta' dan l-appell.*

1.02. Is-Sindku Dean Hili pprezenta wkoll kopja ta' kommunikati li l-Kunsill rcieva minghand il-kumpanija Island Insurance Brokers Ltd. forma ta' appell kif ukoll proposta minghajr pregudizju minghand l-avukat ta' l-istess kumpanija Dr. Alessandro Lia. **(Ara Dok. C u D)**

1.03. Is-Sindku Dean Hili ppropona li tigi diskussa l-mozzjoni kif ipprezentata.

1.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

1.05. Wara diskussjoni, is-Sindku Dean Hili ppropona li d-decizjoni dwar din il-materja ghandha tigi posposta sakemm il-Kunsill jikseb parir bil-miktub minghand id-DGL dwar jekk id-decizjoni li ha l-Kunsill li jigu rifjutata t-tenders ghax jeccedu l-Budget tal-Kunsill hijiex raguni valida/legali, liema parir wara ghandu jigi kkomunikat lill-Kunsilliera mid-DGL bil-miktub. Il-kelliem ippropona li fi kwalunkwe kaz ghandha titiehed decizjoni dwar kif ghandu jipprocedi l-Kunsill f'laqgha ohra u jekk ikun hemm bzonn issir b'urgenza.

1.06. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

1.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.08. Il-laqgha giet maghluqa fis-7.35pm.

| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |